



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9699/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0160(NLE)

MI 448
ECO 44
ENT 107
UNECE 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Mejju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 264 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti għal modifiki għar-regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU, dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali, dwar proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU, u dwar proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 264 final.

Mehmuż: COM(2023) 264 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2023
COM(2023) 264 final

2023/0160 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti għal modifiki għar-regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU, dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali, dwar proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU, u dwar proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija għal deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (WP.29) fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għar-regolamenti attwali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u ta' emendi għar-regolamenti tekniċi globali (GTRs) attwali tan-NU.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel

Hemm żewġ ftehimiet fis-seħħ biex jiġu żviluppatti rekwiżiti armonizzati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), u biex jiġi żgurat li l-vetturi bil-mutur joffru livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali. Dawn huma:

- Il-Ftehim tan-NU/KEE dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet uniformi tekniċi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għal għarfien reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawk il-preskrizzjonijiet (il-“Ftehim Rivedut tal-1958”); kif ukoll
- il-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-“Ftehim Parallel”)

Għall-UE, il-ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. Ix-xogħol relatat ma' dawn il-ftehimiet huwa ssorveljat mid-WP.29.

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-WP.29 jipprovdi qafas uniku għal regolamenti armonizzati dwar il-vetturi fuq livell dinji. Id-WP.29 huwa grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-NU li għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura speċifiċi. Huwa jaħdem bħala forum globali li jabilita diskussjonijiet miftuħin rigward ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur u dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kull membru tan-NU u kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika mwaqqfa min-NU jistgħu jieħdu sehem bis-siġh fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti għall-ftehimiet dwar il-vetturi li jissorvelja d-WP.29. L-UE hija parti għal dawn il-ftehimiet¹.

Il-laqgħat tad-WP.29 tan-NU/KEE jsiru tliet darbiet fis-sena, jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju, u f'Novembru. Biex jirrifletti l-progress tekniku, f'kull laqgħa, id-WP.29 jista' jadotta:

regolamenti ġodda tan-NU;

riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU;

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

GTRs ġodda tan-NU;

modifiki għar-regolamenti u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; kif ukoll

modifiki għall-GTRs u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, il-korpi sussidjarji ddedikati tad-WP.29 jiddiskutu dawn il-modifiki fil-livell tekniku.

Sussegwentement, id-WP.29 jista' jadotta l-proposti:

b'maġġoranza kwalifikata tal-partijiet kontraenti preżenti u li jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; jew

b'vot ta' kunsens tal-partijiet kontraenti preżenti u li jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE dwar:

regolamenti ġodda tan-NU, GTRs ġodda tan-NU u riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU; kif ukoll emendi, supplimenti u rettifiki tar-regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u riżoluzzjonijiet tan-NU.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Mill-20 sat-22 ta' Ġunju 2023, matul il-190 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta:

proposti għal emendi tar-Regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU;

proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali;

proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU kif ukoll

proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għal vetturi ħfief.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UE

Is-sistema tad-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 għandu rwol ewlieni fil-kisba ta' dan l-oġġettiv. Il-manifatturi tal-UE jistgħu jużaw sett komuni ta' regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-partijiet kontraenti se jirrikonoxxu l-prodotti tagħhom bħala konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

Din l-iskema għamlitha possibbli li r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur iħassar aktar minn 50 direttiva tal-UE u jissostitwihom b'regolamenti korrispondenti żviluppatti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

Ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² isegwi approċċ simili. Jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-UE.

Ladarba d-WP.29 ikun adotta proposta għal regolament ġdid tan-NU jew għal modifiki għar-regolament eżistenti tan-NU, is-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE jinnotifika l-att korrispondenti lill-partijiet kontraenti. Sakemm partijiet kontraenti li jikkostitwixxu minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx fi żmien 6 xhur, l-att jidħol fis-seħħ. Imbagħad, kull parti kontraenti tista' tittrasponi l-att fir-regoli nazzjonali applikabbli tagħha. Fl-UE, il-proċess ta' traspożizzjoni jitlesta bil-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-pożizzjoni tal-UE jeħtieġ li tiġi stabbilita rigward l-atti li ġejjin:

- proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU biex jiġu aġġornati dispożizzjonijiet dwar;
 - l-ibbrejkjar tal-vetturi tqal;
 - iċ-ċinturini tas-sikurezza;
 - l-inkwinanti viżibbli, il-kejl tal-potenza tal-magni ta' tqabbid bil-kompressjoni (duħħan tad-diżil);
 - l-emissjonijiet tal-ħoss tal-muturi;
 - l-emissjonijiet ta' magni ta' tqabbid bil-kompressjoni u ta' tqabbid bi spark;
 - l-istorbju mill-vetturi tal-kategoriji M u N;
 - it-tajers għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom;
 - it-tajers għall-vetturi tal-kategorija L;
 - l-ibbrejkjar tal-vetturi tal-kategorija L;
 - it-tagħmir tal-istering;
 - l-emissjonijiet ta' vetturi light-duty;
 - l-emissjonijiet ta' vetturi M1 u N1;
 - il-kejl tal-potenza netta u tal-potenza ta' 30 minuta;
 - l-impatt frontali;
 - l-impatt laterali;
 - L-emissjonijiet tas-CO2 / il-konsum tal-fjuwil;
 - it-tajers b'wiċċ ġdid għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom;
 - il-vetturi tal-gass naturali kkompressat u tal-gass naturali likwifikat;
 - ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab;
 - is-sikurezza għall-persuni bil-mixi;
 - is-sistemi mtejbja tat-trażzin għat-tfal;
 - il-vetturi tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil;
 - l-impatt fil-ġenb ma' arblu;

- l-impatt frontali b'enfasi fuq is-sistemi ta' trażżin;
- l-integrità tas-sistema tal-fjuwil u s-sikurezza tas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika f'kolliżjoni fuq wara; kif ukoll
- iċ-ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà;
- proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali;
- proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU; kif ukoll
- proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty.

Id-WP.29 qed jippjana li jivvota għal dawn il-proposti fil-laqgħa tiegħu tal-20-22 ta' Ġunju 2023.

Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE dwar:

- proposta għal awtorizzazzjoni riveduta biex jiġi żviluppat GTR tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali;
- proposta għal talba għal awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi heavy-duty elettrifikati;
- proposta għal emenda għal ECE/TRANS/WP.29/2022/58 bit-titolu "Linji Gwida għall-Metodu Ġdid ta' Valutazzjoni/Ittestjar għal Sewqan Awtomatizzat (NATM) għall-Validazzjoni tas-Sistema ta' Sewqan Awtomatizzat (ADS)";
- proposta għal emenda għad-dokument ta' interpretazzjoni għar-Regolament Nru 155 tan-NU;
- proposta għal rapport finali dwar l-istatus dwar l-iżvilupp ta' GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty.
- proposta għal rapport tal-progress finali dwar l-emenda 1 għall-GTR Nru 13 tan-NU; kif ukoll
- proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-kompendju tal-kandidati tal-lista Nru 15 - il-metodoloġija tal-emissjonijiet f'sewqan reali tal-Ġappun.

Jenħtieġ li l-UE tappoġġa l-atti msemminjati hawn fuq minħabba li dawn jikkonformaw mal-politika tas-suq intern tagħha fir-rigward tal-industrija tal-karozzi kif ukoll mal-politiki tagħha dwar it-trasport, dwar il-klima u dwar l-enerġija.

Dawn l-atti kollha għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali. Vot favur dawn l-atti jippromwovi l-progress teknoloġiku, jipprovdi ekonomiji ta' skala, jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiżgura li l-istandards tal-karozzi jiġu applikati bl-istess mod fl-UE kollha.

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti għal din il-proposta. Madankollu, il-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur se jirrieżamina din il-proposta.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jiddikjara li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-

sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li għandhom effetti legali minħabba r-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Id-WP.29 huwa korp li fih il-partijiet kontraenti tan-NU/KEE jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 qed jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-regolamenti tan-NU stabbiliti fl-att previst se jkunu vinkolanti għall-UE. Flimkien mall-GTRs tan-NU, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-UE.

L-att previst jista’ jkollu żewġ għanijiet jew komponenti, li wieħed minnhom jista’ jiġi identifikat bħala ewlieni u l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali. F’dan il-każ, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, partikolarment fuq dik il-waħda għall-għan jew għall-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

³ JIs-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, fil-kawża C-399/12, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti għal modifiki għar-regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU, dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f'sewqan reali, dwar proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU, u dwar proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (“ir-regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (WP.29) jista’ jadotta proposti għal modifiki għar-regolamenti tan-NU, għall-GTRs tan-NU u għar-riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u riżoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-NU/KEE WP.29 jista’ jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU, u jista’ jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.
- (5) Mill-20 sat-22 ta’ Ġunju 2023, matul il-190 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE, id-WP.29 jista’ jadotta:
proposti għal emendi tar-Regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU;
proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f’sewqan reali;
proposta għal modifika għall-GTR Nru 13 tan-NU; kif ukoll
proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi light-duty.
- (6) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mall-GTRs tan-NU, se jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fid-WP.29 dwar l-adozzjoni ta’ dawk il-proposti.
- (7) Jeħtieġ li r-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew għal karatteristiċi koperti mir-regolamenti Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153, u 155 tan-NU, u l-GTR Nru 13 tan-NU jiġu emendati jew supplimentati biex jiġu riflessi l-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi.
- (8) Sabiex ikun jista’ jsir progress tekniku u sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali, jeħtieġ li jiġu adottati regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali f’sewqan reali u GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għal vetturi light-duty.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-190 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE li se ssir mill-20 sat-22 ta’ Ġunju 2023 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President